# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 17 t'April 2024

**Rik. Gur. Nru.: 218/2018 JPG**

**Kawza Nru: 20**

**CZ**

**Vs**

**ZC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors promotur tal-attrici datat 10 t'Awwissu 2018 a fol 1 et seqq. li jaqra hekk:

*Dikjarazzjoni dwar l-oggett tal-kawza*

*1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-30 ta' Marzu 1986, hekk kif jirrizulta mill-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. CZ 1****;*

*2. Illi miz-zwieg twieled tifel, li huwa maggorenni u ghandu iktar minn tlieta w ghoxrin (23) sena.*

*Raguni tat-Talba*

*3. Illi l-konvenut irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, stante illi l-istess konvenut huwa hati ta' eccessi, mohqrija, sevizzi, theddid u offizi*

*gravi da parti tieghu fil-konfront ta' l-istess rikorrenti, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku ta' l-istess konvenut;*

*4. Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu bl-istanti permezz tad-Digriet appositu ta' dina l-Onorabbli Qorti (***Dok. CZ 2***);*

*<u>Talba</u>*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi, l-esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti:-*

1. ***TIDDIKJARA*** *u* ***TIPPRONUNZJA*** *s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat u* ***TAWTORIZZA*** *lill-esponenti tghix separatament minn ma' l-intimat;*

2. ***TILLIKWIDA*** *ammont adegwat ta' manteniment ghaliha filwaqt li* ***TORDNA U TIKKUNDANNA*** *lill-istess konvenut sabiex ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u* ***TORDNA*** *illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju tieghu mill-impjieg jew xoghol jew kull dhul iehor li huwa ghandu jew jista' jkollu; u* ***TIPPROVDI*** *dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut kull sena;*

3. ***TIDDIKJARA*** *li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici;*

4. ***TAPPLIKA*** *kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48, 51, 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza izda mhux biss l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mill-attrici.*

5. ***IXXOLJI*** *u* ***TILLIKWIDA*** *l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u* ***TASSENJA*** *porzjon lill-esponenti u porzjon lill-konvenut ope sententiam, u jekk okkorrendo jkun il-kaz tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jigu inkorporati l-effetti kollha ta'*

*kull eventwali sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.*

**6.** ***TASSENJA*** *lill-konvenut id-djun li setghu saru matul iz-zwieg.*

**7.** ***TIKKUNDANNA*** *lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti l-beni jew krediti kollha dotali u/jew parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u/jew jittiehed kont tal-valur taghhom fil-likwidazzjoni u apporzjonament tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija,okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, liema valur ghandu jitnaqqas mis-sehem spettanti lilu favur l-attrici fil-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija.*

**8.** ***TAWTORIZZA*** *lill-esponenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' 'C'.*

***BL-ISPEJJEZ*** *u bil-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Guramentata datata 4 ta' Novembru 2019 a fol 50 et seq li taqra:

1. *Illi l-esponent jikkonferma dak premess fir-rikors promotur fil-punti wiehed (1) u punt numru (2);*
2. *Illi l-esponent ma jaqbilx mat-tielet (3) premessa hekk kif sottomessa ghax fil-fatt kienet ir-rikorrenti li rrendiet il-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti impossibbli stante li l-istess konvenuta hija hatja ta' eccessi, mohrqija, sevizzi, adulterju, theddid u offizi gravi da parti taghha fil-konfront tal-istess konvenut, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabilment b'tort uniku tal-istess rikorrenti;*
3. *L-esponent jaqbel mal-ewwel talba fis-sens illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u li l-partijiet jigu awtorizzati jghixu separatament minn xulxin; izda illi s-separazzjoni kienet tort unikament u esklussivament imputabbli lir-rikorrenti kif spjegat hawn qabel;*
4. *Ma Hemmx qbil rigward it-tieni talba ghaliex ir-rikorrenti iddekadiet u ghaldaqstant l-imsemmija talba ghandha tigi michuda;*
5. *It-tielet talba ma tissussistix ghax kienet ir-rikorrenti iddekadiet;*

6. *Ir-raba' talba ma tissustix fil-konfront tal-esponent u se mai tissusisti kontra r-rikorrenti;*
7. *Ma hemmx oggezzjoni rigward il-hames talba;*
8. *Id-djun li saru saru mir-rikorrenti u mhux kif qed tallega r-rikorrenti u dak kif ser jigi ppruvat fil-kawza;*
9. *Is-seba' talba ma tissussistix kif se jigi ppruvat fil-kawza;*
10. *Ma hemmx oggezzjoni dwar it-tmien talba;*

Rat illi minkejja dikjarazzjoni ta' kontumacja fis-16 ta' Jannar 2019 a fol 18, din il-Qorti rat illi l-kontumacja tal-intimat giet gustifikata in forza ta' decizjoni taghha datata 16 ta' Ottubru 2019;

Semghet x-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghat it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

***PC 228 Geynor Farrugia, stazzjonat L-Ghassa ta' Rahal Gdid, prodotta nhar is-16 ta' Jannar 2019 (vide fol 20 et seq)*** u spjega illi fis-6 ta' April 2017, l-attrici li kienet akkumpanjata minn Rita Bonello, il-Haddiema Socjali taghha, ghamlu rapport gewwa l-Ghassa, rigward theddid da parti tal-intimat fuq l-attrici. Maghhom kien hemm ukoll ic-CEP ta' St. Jeanne Antide Foundation, Eleonora Macelli. Ix-xhud spjega illi r-rapport taghhom kien fis-sens li sar theddid tramite mobile u telefonati fuq l-attrici u kif ukoll fuq il-Haddiema Socjali li giet mhedda li l-intimat kien ser jsibha, jattakka kemm lill-attrici kif ukoll lill-Haddiema Socjali. Zied illi fost it-theddid, gie indikat illi lil Haddiema Socjali kien ser "iqattaha bicciet". (Vide Dok GF1)

Ix-xhud ikkonferma illi kienu inbdew proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati u li kien ghadhom *sub judice.*

***Rita Bonello, il-Haddiema Socjali tal-attrici, u Manager ma' Dar Hosea, prodotta nhar is- 16 ta' Jannar 2019,*** spjegat illi saret taf lill-attrici tramite "Outreach" u li l-attrici eventwalment bdiet tattendi id-"Drop In Centre" f' Dar Hosea, circa sentejn u nofs qabel. Ix-xhud xehdet illi minkejja li hi marret l-Indja, qatt ma rat faqar daqs dak

li kienet qieghda tghix fih l-attrici, b'dana illi l-attrici ma kienx ikollha x'tiekol, kellha nuqqas ta' igene ghaliex fid-dar ma kienx hemm provvista tal-ilma u dawl waqt li t-toilet kien imkisser. Ix-xhud rrilevat illi l-attrici kellha dar iz-Zurrieq jew Hal Safi, u din kienet id-dar matrimonjali. Spjegat illi meta hi marret id-dar tal-partijiet, l-intimat ma kienx ghadu jghix hemm u kien mar jghix m'ommu. Illi l-kunjata kienet tghaddi xi flus lil iben l-attrici, b'dana illi il-kunjata kienet imbaghad titlobhom lura lill-attrici u **minkejja li l-attrici kienet dejjem isserviha (lill-kunjata), kienet dejjem tispicca li ghandha ttiha l-flus.**

Ix-xhud tkellmet mal-intimat meta kien cemplilha Dar Hosea fuq il-land line taghhom, u kien **heddidha li ha jqattaha' bicciet bicciet u li ha jaghmilha bomba**. Illi minn hemm kienet marret taghmel rapport gewwa l-ghassa ta' Rahal Gdid flimkien mas-CEO Nora Macelli. Ziedet illi darba fuq program televizi, l-intimat ddikjara li ta' Dar Hosea huma nisa ommosesswali u ghalhekk jilqghu lin-nies.

Spjegat illi heddidha ghaliex huma kienu qed jiehdu hsieb anke l-apparenza tal-attrici u jghinuha tigi ' l quddiem u beda jghir. Illum il-gurnata bl-ghajnuna mghotija, l-attrici ghandha full-time job, ghandha residenza ghaliha u miexja l-quddiem.

***L-attrici xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 32 et seq)*** u spjegat illi hi u zewgha zzewwgu tnejn u tletin (32) sena ilu, ftit gimghat wara li iltaqghu u dan minkejja li l-genituri taghha ma kellhomx pjacir bl-intimat. Illi minkejja dan kollu hi kienet harbet ma' zewgha, u marru jghixu l-Belt f'post li kien jappartjeni lil omm l-intimat.

Sakemm kienu jghixu l-Belt, zewgha ma riedx jahdem u kien beda jgieghlha tipprostitwixxi ruhha u jghix fuq il-qliegh taghha. Minkejja li hi ma riditx, l-intimat kien isawwatha, u jaghmel minn kollox biex hi kellha taqbad din it-triq, kif filfatt gara. Il-qliegh kollu kien igieghla tghaddih lilu. Illi f'dan il-perjodu l-intimat kien qabad il-vizzju tad-Droga u l-attrici kienet tiehdu ghall-kura d-detox.

Wara xi zmien marru jghixu Hal Safi, fejn kienu qieghdin jikru residenza, u tramite xi zijiet u kien hawn li ommha saret taf bix-xoghol ta' prostituzzjoni li kienet qieghda taghmel. Fl-istess zmien inqabdet tqila b' binha TZ li llum ghandu tletin (30) sena. Wara li twieled binha, zewgha baqa' jinsisti li hi tipprostitwixxi ruhha u qatt ma kellha ghazla hlief li tissubixxi. Sentejn ilu, infirdet ghal kollox minn ma' zewgha, u telqet

mid-dar ta' Hal Safi, u sabet l-ghajnuna ta' Rita Bonello u haddiema ohra ta' Dar Hosea. Illum qieghda fuq kura ghad-dipressjoni, u isegwiha Dr Vella Baldacchino, b'dana illi l-qaghda ta'sahhitha hi dik li hi minhabba dak kollu li ghaddiet minnu matul dawn is-snin kollha minhabba zewgha. Minkejja li infirdu, zewgha xorta baqa' jigri warajha, u kien iccempel Dar Hosea jhedded, u jghajjar anke lil haddiema. Dwar l-incident tas- 6 ta' April 2017, zewgha kien tressaq quddiem il-Magistrat Aaron Bugeja, izda ghad m'hemmx sentenza. Zewgha kien icempel ukoll ghand omm l-attrici jhedded l-ommha.

Spjegat illi m'hemm l-ebda assi bejnithom, peress li dejjem ghexu f'djar bil-kera. Ziedet illi fiz-zwieg ma nxtrat l-ebda propjeta.

***Jeffrey D'Ugo prodott nhar is-16 ta' April 2019 (vide fol 18 et seq)*** spjega illi hu wiehed mill-volontiera fi hdan il-Parocca ta' San Giljan, u kien akkompanja lill-intimat gewwa l-ufficju tal-Legal Aid il-Belt Valletta. Spjega illi peress li l-intimat ghamli ma setghax imur wahdu, u ghalhekk intalab biex jakkumpanjah. Ix-xhud ikkonferma illi dan kien fis-16 ta' Jannar, fl-ghaxra ta' filghodu.

***Gertrude Scerri, in rapprezentanza tal-Isptar Mater Dei, prodotta nhar is-16 ta' April 2019 (vide fol 24 et seq)*** esebiet il-file mediku tal-intimat (Vide dok MD 1)

***Martina Spiteri, Haddiema Socjali, mal-Agenzija Sapport, prodotta nhar l-24 ta' Gunju 2019, (vide fol 25 et seq)*** spjegat illi hi bdiet tahdem mal-intimat mit-30 ta' Lulju 2018, u filwaqt li bdiet tghinu fejn jidhlu applikazzjonijiet mal-Community Chest Fund, kien dejjem issemilha li ghandu problemi biex jattendi ghall-kawzi fil-Qrati, u li qatt ma kellu avukat jassistih minhabba problemi finanzjarji. Illi minn hemm ix-xhud kienet ghamlet kuntatt mal-Legal Aid Office biex tara huwiex eligibbli ghas-servizz, u ghenet lill-intimat jaghmel kuntatt mal-imsemmi ufficju.

Xehdet illi l-Agenzija kienet ilha tircievi referrals fuq il-familja tal-intimat mis-sena 2011. Ix-xhud ikkonfermat illi hi kienet ikkorispondiet mal-Legal Aid Office, u kkonfermat l-email mibghuta minnha in atti a fol 52 datata 26 ta' Novembru 2018. Ghall-ewwel appuntament, kienet irrangat biex l-intimat jigi assistit minn volontier biex iwasslu sal-Qorti minhabba l-visual impairment tal-intimat ma setghax jitla' wahdu. Ix-xhud spjegat illi l-intimat talab li l-assistenza biss fejn jidhlu seduti tal-Qorti.

In ***kontro-ezami,*** ix-xhud indikat illi ma tiftakarx ezattament x'dokumenti kienet baghet mal-email datat 26 ta' Novembru 2018. Ikkonfermat illi l-intimat kien qalilha li kien hemm kawza ta'separazzjoni ghaddejja, u li l-intimat kien ghaddielha xi dokumenti li kien jindika illi kien hemm kawza ta'separazzjoni pendenti. Muriha l-ewwel faccata tal-process, ix-xhud ikkonfermat illi dan kien dak id-dokument li ghamlet referenza ghalih.

Sostniet illi l-intimat minn dejjem kien infurmaha illi kellu kawza ta'separazzjoni u li hu ma kellux minn jassistih fil-kawza, u apparti din il-kawza kellu kawzi ohrajn il-Qorti pero' qatt ma kien specifiku. Meta cemplet il-Legal Aid, hi kienet indikatilhom illi l-intimat ghandu xi affarijiet il-Qorti u finanzjarjment ma jistax ihallas avukat biex jassistih. Illi wara li kellu l-ewwel laqgha kienu infurmawha illi l-intimat kellu biss kawza ta' separazzjoni. Illi d-dewmin bejn meta inbaghtet l-email, u l-ewwel laqgha, kien minhabba logistika da parti taghha sakemm sabet volontier li jilta' mal-intimat.

***Saviour Theuma in rapprezentanza tal-Dipartiment tas-Sigurta Socjali prodott nhar il-11 ta' Mejju 2021***, esebixxa dokumentazzjoni relattiva ghal beneficcji percepiti mill-intimat (Vide Dok ST1) mis-sena 1992. Zied illi bejn Gunju tas-sena 1996 u Gunju tas-sena 1998 ma gew percepiti l-ebda beneficcji. Illi fil-prezent l-intimat qieghed jippercepixxi *disability assistance* u *sickness assistance*. Ix-xhud indika minn "*blind assistance*" ghall-assistenza ghal dizabilita severa, l-ammont percepiet zdied. Din il-bidla saret wara talba li saret mill-intimat f' Gunju tas-sena 2020.

***Brian Farrugia in rapprezentanza tal-Awtorita ta' Transport prodott nhar il-11 ta' Mejju 2021*** rrizulta illi fil-prezent hemm vettura tal-ghamla Hyundai Accent bit-targa CBL 781 li hija registrata fuq isem l-intimat u ilha registrata fuq ismu mid-29 ta' Marzu 2011. Illi l-ahhar licenzja li thallset kienet fis-sena 2013 u kien hemm assigurazzjoni mal-Atlas Insurance. (Vide dok BF1) Illi fil-passat l-intimat kellu zewg vetturi ohra li kienu registrati fuq ismu. Ix-xhud ikkonferma illi ma hemmx indikazzjoni li l-karozza hija *garaged*.

***Johanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta prodotta nhar il-11 ta' Mejju 2021,*** spjegat illi rrizulta kont wiehed, *savings account*, intestat f'isem l-intimat liema kont infetah fis-sena 2002, u ghadu miftuh. (Vide dok JB1)

***Lorraine Attard in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta Plc prodotta nhar il-11 ta' Mejju 2021*** spjegat illi ma nstabu l-ebda kontijiet f'isem l-intimat.

***Dr Joseph Vella Baldacchino, konsulent psikjatriku, prodott nhar is-16 ta' Mejju 2022, (vide fol 117A et seq)*** spjega illi kien jara lill-attrici il-Psychiatric Outpatients Mater Dei, u ghadu jaraha sal-lum, il-Floriana Mental Health Clinic. L-ewwel darba li ra kien f' Ottubru tas-sena 2011, u l-ahhar li ra kien fis-sena 2018 ghaliex kien hemm drabi fejn giet segwitha mill-assistenti tieghu. Illi sussegwentement wara l-Covid, rega ra f'Dicembru tas-sena 2021 fejn ma giex mibdul it-*treatment* peress li l-attrici kienet sejra tajjeb. Bhala dianjosi, ix-xhud spjega illi l-attrici ghandha dipressjoni, u kienet giet riferuta lilu mis-social workers. Zied illi kien hemm perjodu fejn l-attrici kienet qieghda tonqos milli tattendi ghall-appuntamenti. (Vide dok JBV1)

***Eleonora Macelli, Kap Ezekuttiv Saint Jean Antide Foundaton, prodotta nhar is-6 ta' Lulju 2022, (fol 145 et seq)*** spjegat illi fis-sena 2016 kienet iltaqghet mal-attrici wara li kienu hejjew program ta' ***Outreach***, f'forma ta' ***Drop In Centre***, ghal nisa fil-prostituzzjoni fejn kienu jmorru kuljum f'dan ic-centru jinhaslu, jieklu etc. l-attrici kienet giet riferuta mill-Agenzija Appogg. Ix-xhud kienet accediet id-dar tal-attrici flimkien ma' Haddiem Socjali iehor, u l-istat tad-dar kien wiehed kaotiku hafna, b'dana illi d-dar ma kienitx attrezzata bi bzonnijiet bazici. Bil-mod il-mod, ressqu lill-attrici lejn aktar servizzi li huma joffru, sa ma bdiet tattendi b'mod regolari, u bdew jahdmu maghha fuq diversi livelli. Illi imbaghad l-attrici bdiet tigi segwita minn Rita Bonello. Ziedet illi l-intimat kien icempel Dar Hosea jheddidha, u jghidilha illi l-attrici ma kienx haqqa dik l-ghajnuna, meta kien car ghalihom li l-attrici ghaddiet minn hafna abbuz u din kienet wahda mir-ragunijiet ilghaliex giet kostretta tghix bhala mara tat-triq. Spjegat illi hi kellha taghmel rapport l-ghassa ta' Rahal il-Gdid minhabba t-theddid da parti tal-intimat. Di piu' l-intimat kien hedded ukoll il-hajja ta' Rita Bonello.

Ix-xhud irrilevat illi l-attrici qaltilhom fuq il-mohqrija li kienet garbet tul is-snin, u li kienet izzewgitu u kienet skjava ta' zewgha, tal-kunjata u tat-tifel taghha.

In ***kontro-ezami,*** ikkonfermat illi mis-sena 2017 hi ma kellhiex aktar kuntatt professjonali mal-attrici u li meta marret tara id-dar ta' Hal Safi, kienet ma' Haddiem Socjali Lawrence Agius. Ix-xhud tirrileva illi hi tiftakar li r-ragel tal-attrici kien ghama u riedet tiehu hsiebu ommu u ghalhekk mar jghix ma' ommu. Tikkonferma illi meta

iltaqghet mal-attrici, zewgha kien diga' jghix ghand ommu. Spjegat illi meta bniedem juri certu aggressjoni, huma ma jippruvawx jaghmlu r-reintegrazzjoni mal-familja. Tikkonferma illi meta tkellmet mal-intimat, hu kien ghamel xi accenn ghal xi djun li ma thallsux mill-attrici, izda ma ssemmietx prostituzzjoni. Ix-xhud spjegat illi mal-intimat ma setghux jirragunaw ghaliex kull darba li jcempel kien aggressiv, u kien jinfexx jghajjat.

***Stephen Cachia, in rapprezentanza tal-Awtorita tat-Transport f' Malta, prodott nhar it-3 ta' Lulju 2023, (vide fol 204 et seq)*** u spjega illi fil-prezent hemm vettura wahda li hija registrata f'isem l-intimat. (Vide Dok SC 1). Ix-xhud ipprezenta ukoll dokumentazzjoni ghall-vetturi li kienu registrati f'isem l-intimat fil-passat (Vide Dok SC2). Illi fir-rigward vetturi f'isem l-attrici, spjega illi kien hemm zewg vetturi, liema vetturi gew *scrapped* u esebixxa ukoll dokumentazzjoni relattiva ghal dawn il-vetturi. (Vide Dok SC 3 u SC4)

Zied illi sal-15 ta' Gunju 2023 kien hemm pendenzi ta' EUR 1, 180.89 rigward citazzjonijiet fuq il-vettura f'isem l-intimat tal-ghamla Hyundai Accent. Illi hemm ukoll ghaxar snin hlas ta' licenzja bl-lura fuq l-imsemmija vettura.

***Matthew Vassallo in rapprezentanza tal-ARMS prodott nhar it-3 ta' Lulju 2023 (vide fol 207 et seq)*** spjega illi ma nstabet l-ebda informazzjoni fuq l-attrici, b'dana illi ma hemmx kontijiet f'isem l-attrici. Fir-rigward l-intimat, irrizultaw zewg kontijiet, 1A, Triq San Mikiel Valletta, liema kont m'ghadux miftuh u inghalaq fis-sena 2020 (Vide Dok MV1-MV 5). Fir-rigward ta' dan il-kont kien hemm *repayment plan* li sar mal-intimat. Fir-rigward il-kont fuq l-indirizz ta' Hal Safi, spjega illi l-ahhar invoice inharget fit-30 ta' Novembru 2017 u jidher illi dan il-kont inghalaq ukoll fis-sena 2017. (Vide Dok XV1-XV3). Ix-xhud indika illi ghad fadal pendenza ta' **EUR 929.38.**

***Andrew Xuereb, Senior Officer, Housing Authority, prodott nhar id-19 ta' Ottubru 2023,*** spjega illi fir-rigward tal-attrici rrizultaw zewg applikazzjonijit (Vide dok AX 1 u AX2) u jirrisalu ghas-sena 2020 u ohra ghas-sena 2021. Mir-ricerki li saru rrizulta illi l-partijiet kienu applikaw ghal sussidju fil-kera, fis-snin 2007, 2016 u 2012 f'isem l-attrici. Spjega illi dawn il-files, peress li ormai huma maghluqin, jigu distrutti.

***L-intimat xehed permezz ta' affidavit (vide fol 222 et seq)*** u spjega illi huma zzewgu fit-30 ta' Marzu tas-sena 1986 u min dan iz-zwieg kellhom iben wiehed, TZ li jirrisjedi mal-intimat missier u ma' omm l-intimat. Illi TZ illum ghandu 35 sena. Spjega illi l-probemi fiz-zwieg bdew f'Dicembru tas-sena 2012 meta martu kienet qaltlu li ma tridx tkompli bir-relazzjoni taghhom, ghaliex kienet iddejqet. Dak iz-zmien kienet qabdet u harget mid-dar matrimonjali f'Hal Safi, liema dar kienet mikrija ghandhom mill-privat, u li fuqha kienu jircievu sussidju mill-Housing Authority. L-attrici kienet ghamlet tlett (3) gimghat 'l boghod mid-dar izda wara tliet (3) gimghat, irritornat. Sakemm l-attrici ma kienitx id-dar, hu kien mar jirrisjedi ghand ommu San Giljan, peress li nieqes mid-dawl, filwaqt li t-tifel kien mal-attrici.

Wara li marret lura, kienu ghamlu zmien jorqdu daqqa Hal Safi u daqqa ghand omm l-intimat San Giljan. Fil-bidu tas-sena 2013, rega' inqala l-inkwiet b'dana illi l-attrici regghet qaltlu li ma tridx tibqa' mieghu. Hu kien telaq minn Hal Safi u mar jghix ghand ommu San Giljan. L-attrici kienet cahditu milli jmur jigbor hwejjgu minn Hal Safi u fil-frattemp, l-attrici kienet inqabdet mill-Pulizija fuq allegat tlajjar u prostituzjjoni. **L-intimat prova jghinha u halsilha l-pledge, izda ma kellux bizzejjed flus.**

Sussegwentement kien ircieva xi karti rigward hlasijiet pendenti tal-karozza, liema karozza kienet inxtrat fiz-zwieg u kienet qieghda taghmel uzu minnha l-attrici peress li hu ma setghax isuqha minhabba li nieqes mid-dawl. L-attrici kienet qaltlu li ghaddiet din il-karozza lil certu Charlie Grech, peress li kienet tiddejjen minghandu u kienet taghtu l-karozza biex taqta xi dejn. L-attrici xorta baqghet tmur ghand ommu, u filghaxija kienet tohrog mal-irgiel, u filghodu kienet tmur tghaddi xi haga tal-flus lit-tifel. Kien anke accetta li l-attrici tibqa' tghix minghajru Hal Safi u anke kien iffirmalha biex tiehu r-relief. **Spjega illi wara li kien halsilha l-pledge**, l-attrici kienet tmur titlajja, u kien ghena billi irrangalha biex jiehu hsiebha s-social worker tieghu.

Xehed illi fil-fond ta' Hal Safi kien nefaq hafna flus, madwar xi erbat elef Maltin (LM 4,000) u kien ghamel kamra fuq il-bejt, bis-saqaf b'kollox, u anke tibdil strutturali. Eventwalment kien cempillu sid il-kera sabiex jiehu lura il-fond, u l-intimat kien talbu kumpens tal-ispejjes li kien ghamel. L-intimat stqarr illi kien talbu elfejn Ewro (EUR 2000), u kien f'dan l-istadju li sid il-kera infurmah illi kien hemm kont tad-dawl u ilma fl-ammont ta' elf u seba mitt Ewro (EUR 1700) pendenti. Dan il-kont kien mar ihallsu

l-intimat. Spjega illi hu ghandu biss pensjoni tad-disabilita fl-ammont ta' ERU 758 fix-xahar u jaqsam l-ispejjes gornalieri ma' ommu.

***Andrew Xuereb ri-prodott nhar is-6 ta' Dicembru 2023 (vide fol 233 et seq)*** esebixxa kopja tal-Kap 261 tal-Awtorita tad-Djar, liema att jawtorizza lill-Awtorita taghmel "*shredding tal-files*" wara hames snin mill-gheluq tal-imsemmija files. Ix-xhud esebixxa ukoll dokumentazzjoni relattiva ghall-pagamenti li saru u kkonferma illi m'hemmx pagamenti b'lura dovuti lill-Awtorita'. (Vide Dok X1-X6)

***L-attrici in kontro-ezami nhar id-19 ta' Frar 2024 (vide fol 236 et seq),*** spjegat illi hija ilha hafna snin ma toqghod ma' zewgha, b'dana illi binha imur jaraha ghaliex binha joqghod ma' missieru. Tikkonferma illi zewgha qieghed jirrisjedi ma' ommu, u li zewgha ma kienx jara minn ghajn wahda. Spjegat illi qed tigi segwitha minn tabib iehor u mhux Dr Vella Baldacchino, pero tishaq illi ghadha tmur regolarment u ghadha tiehu l-kura. B'referenza ghal dak li xehed Dr Vella Baldacchino u li l-problemi taghha, dawn kienu dovuti ghall-fatt li kien hemm zmien qasir fejn kienet tiehu d-droga, u kienet fittxet l-ghajnuna. Ikkonfermat illi hija tircievi beneficcji socjali, pero dawn mhumiex bizzejjed biex tghaddi bihom, anke peress li jkollha tixtri xi medicina li mhiex provduta mill-Gvern. L-attrici kkonfermat illi m'ghadiex tirrisjedi Hal Safi.

B'referenza ghall-vettura Hyundai, spjegat illi kienu cemplulha mill-ghassa ta' San Giljan, u talbuha tiehu l-karozza peress li l-licenzja kienet fuq zewgha, u haditlu l-karozza fejn il-bieb ta' omm l-intimat. Tixhed illi c-cavetta tatha lil Charlie Grech izda il-karozza taghtha lil zewgha. Mistoqsija jekk ghandhiex relazzjonijiet mal-Komo, hi wiegbet fin-negattiv. Ziedet illi tat ic-cwievet tal-karozza u tad-dar lil zewgha fejn id-dar t'ommu. Xehdet illi s-*Social Worker* kienu spiccaw ghamlulha serratura gdida peress li kienet ikollha l-bieb dejjem zgassat. Ziedet illi binha kien imur fis-saghtejn ta' filghodu johdilha l-preserves u anke xi flus sakemm inbidlet is-serratura. Spjegat illi zewgha kien jibghata tipprostiwixxi ruhha u li kien zewgha li kien ghamel id-dejn mal-Komo. Il-karozza kienet ghamlet zmien ghandha pero' imbaghad regghet kienet ghand zewgha. F'dan iz-zmien hi kienet toqghod Hal Safi u l-intimat kien jghix ghand ommu. Sakemm kienu ghadhom flimkien, zewgha kellu *retinal detachment* f' ghajn wahda, u kien jara mill-ohra, pero imbaghad kien ghamel l-operazzjoni tal-katarretti u kien gie jara ftit.

***L-intimat nhar id-19 ta' Frar 2024, (vide fol 242 et seq)*** xehed illi hu ilu ghami mis-sena 2011, u fl-2012, l-attrici kienet qabdet u telqet mid-dar u marret tghix ma' ragel iehor. Mistoqsi jekk jiftakarx li fl-affidavit tieghu kien indika illi hu ddikjara illi martu kienet iddejqet mieghu, l-intimat sahaq illi dan ma jiftakrux. Cahad li qatt sawwat lil martu, u sahaq illi martu kienet sawtitu qudiem il-pulizija ta' San Giljan. Spjega illi huwa minnu li hu u martu kienu jaghmlu uzu mid-droga pero kienu waqfu u kienu ghamlu program u l-intimat flimkien ma' terzi kienu holqu anke *support group*. Illi imbaghad bejn is-sena 1995 u 2012, kien jahdem f'hanut tal-electronics f'Zachary Street bhala General Manager pero imbaghad kien ghama. Spjega illi dan in-negozju kien falla ghaliex kien spicca b'hafna dejn.

Sahaq illi kienet decisjoni ta' martu li tipprostitwixxi ruhha, u dan kienet taghmlu ghall-kapricci taghha, u kemm –il darba ggieled maghha fuq dan. **Sahaq illi martu mill-bidu kienet tipprostitwixxi ruhha**. Mistoqsi ghalfejn baqa' maghha minkejja li kien jaf x'kienet qieghda taghmel, sahaq illi hu kien ihobbha, u kien ihossha difficli biex jaqbad ma' mara minhabba d-diffett f'ghajnejh. Martu kienet tghidlu li familtha ssawwtuha u ma kienitx tkun trid tmur lura d-dar. Stqarr illi hu ma setghax jinfired minn maghha minhabba li kien hemm it-tifel, u li l-ghazla li ghamlet kienet ghazla taghha. Zied illi hu kien tressaq fuq allegat swat fuq martu, pero kien gie liberat. Sahaq illi l-Komo kien ha lil martu taghmel taghmel abbort darbtejn.

Dwar il-karozza, spjega illi dak li xehdet martu mhuwiex minnu, u martu kienet qaltlu li l-karozza kienet tatha lil Komo ghaliex kienet idejjnet hames t'elef euro minghandu u ma tathomlux. Sahaq illi martu kienet tiddejjen minghand hafna nies u d-dejn kien ikun bl-uzura. Insista illi l-karozza qieghda ghand il-Komo, bil-parking permit b'kollox.

Insista illi hu telaq mid-dar ghaliex ma riedx jibqa' jghix maghha, u ddahhal lilu fl-inkwiet. Jichad li hu kien johdilha c-cekk tar-relief, ghaliex hu kellu l-beneficcju tad-disabbilita' tieghu. Sostna illi l-ispejjes li sar fil-post ta' Hal Safi, saru mill-flus li hu kien jaqla minn fuq il-monti. Spjega illi l-kontijiet li kien hemm pendenti kellu jhallashom hu. L-intimat ikkonferma illi apparti l-pensjoni tad-dizabilita, ghandu ukoll l-beneficcji tal-mard.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba ingurji gravi, eccessi, u, mohqrija, theddid u sevizzi. Illi bl-istess mod l-intimat fir-risposta guramentata tieghu ssostni illi kienet l-attrici li rrendiet il-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti impossibbli stante li l-istess konvenuta hija hatja ta' eccessi, mohqrija, sevizzi, adulterju, theddid u offizi gravi.

Fir-rigward ta' eccessi intqal illi dawn huma:

***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge".[1] Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."[2]***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri ghal ghand il-familjari taghha ghal flus jew ghal stratagemmi bhal ma jidher li wettqet l-attrici, jammonta ghall-eccessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodici Civili.***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u***

[1] Fadda giurisprudenza, Art. 150, Para. 214.

[2] Trattato teorica pratico di diritto civile delle persone Vol. IV, Para. 35.

***avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."[3] Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione".[4] Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja insopportabbli huma ritenuti mid-dottrina bhal sevizzi.***

Jinsab ritenut illi:

> ***Mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghal sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li maghmula ripetutament u abitwalment, iweggghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: " Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversion verso chi commette tali atti. [PA Camilleri Utrinque 16 ta' Marzu 1898]***
>
> ***Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:***
>
> ***Dan il-komportament abitwali b'referenza ghal vjolenza fizika u morali da parti tal-intimat li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala sevizzi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra da nil-fatt li da nil-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti da nil-komportament ta' zewgha, filwaqt li minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha kienet assumiet***

---

[3] Giuseppa Agius vs Pacifico Agius deciza nhar l-10 ta' Dicembru 1951, Qorti tal-Appell.
[4] Trattato teorica pratico di diritto civile delle persone Vol. IV.

***wahedha l-oneru tat-trobbija tat- tfal taghhom jattira fil-konfront tal-intimat l-a-pplikazzjoni tal-Artikolu 48 (1)(a)(c)(d) tal-Kodici Civili.***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-imsijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:***

> ***L-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom.***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet ***AB vs CB deciza fit-28 ta' Gunju 2018,*** din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendih hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

L-adulterju wkoll huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, il-Kodici Civili f'artikolu 38 jistipula:

> ***Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".***

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jaghti prova taghha. F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna** fejn ġie dikjarat li:

> ***"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l- kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali. Huwa ormai pacificu fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". (Vide ukoll Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe)***

Inghad illi peress li din il-kawzali hija wahda mill-aktar gravi, il-Qrati taghna taw interpretazzjoni pjuttost ristretta sabiex jigi pruvat.

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet zzewgu fit-30 ta' Marzu tas-sena 1986, kif jirrizulta ic-Certifikat taz-Zwieg *a fol 5* tal-atti, wara ftit xhur gherusija. L-attrici kellha dsatax (19)- il sena meta gie kontrattat iz-zwieg filwaqt li l-intimat kellu erbgha u ghoxrin (24) sena. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom wild wiehed, TZ, li llum ghandu 'il fuq minn 35 sena. Illi l-partijiet ilhom diversi snin jghixu separatament.

***Htija ghat-tifrik taz-zwieg***

Illi entrambi l-partijiet jaqblu illi ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali, izda ghal ragunijiet unikament imputabbli lil xulxin.

Il-Qorti rat illi fir-risposta guramentata tieghu, l-intimat eccepixxa illi l-attrici kienet hatja ta' adulterju, filwaqt li entrambi partijiet invokaw kontra xulxin motivi ta' eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi kommessi bhala raguni ghat-tkissir taz-zwieg taghhom. Il-Qorti hija rinfacciata b'zewg versjonijiet li huma dijametrikament opposti.

Fuq it-tema ta' konflitt ta' provi, gie rilevat mill-Qrati Maltin illi:

> ***Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola "in dubio pro reo". Madanakollu "l-Qorti … ghandha tezimina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda mill-versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibbilta' u specjalment dawk tal konsistenza u versosimiljanza, ghandhiex teskludi lill ohra, anke jekk fuq bilanc tal-probabbilta' u preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Illi l-Qorti tkompli tghid li fin-nuqqas ta' korroborazzjoni tal-verzjoni tal-attur ghandha tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur.***[5]

[5] Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella nhar il- 5 ta' Ottubru 2001:

Illi ta` l-istess portata hija s-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri fis- 6 ta` Dicembru 2011 fil-kawza ***"Dhalia Investments Limited (C1604) vs Gloria Pont"*** fejn inghad:

> ***Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur. Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilta` u specjalment dawk ta-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.***[6]

Ghar-rigward, il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza fl-ismijiet ***Middle Sea Insurance p.l.c. noe vs. Victor Sammut*** irreteniet illi:

> ***F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' versjonijiet li jesisti f'din il-kawża għandu jiġi esaminat liema waħda mit-teżijiet konfiliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi ezaminat jekk xi waħda mill-versjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jesistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi ezaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli.***

Illi wara ezami akkurat tal-provi prodotti, il-Qorti tqis illi l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat. Illi ghalkemm din il-Qorti taghraf illi t-testimonjanza tal-attrici ma kienitx konsistenti ghal dak li jirrigwarda l-vettura

[6] Maria Xuereb et vs Clement Gauci et (A.I.C. (P.S.) 24 ta'Marzu 2004)

Hyundai, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-versjoni tal-intimat ghar-rigward tal-htija ghat-tkissir taz-zwieg hija wahda inverosimili ghall-ahhar. L-intimat xehed illi l-attrici kienet ghazlet it-triq tal-prostituzzjoni minn rajjha u minn qabel iz-zwieg u dan sabiex tkun tista ssostni d-diversi kappricci taghha. Illi din il-Qorti taghraf illi meta l-partijiet izzewgu l-attrici kellha biss dsatax (19)- il sena. Allura l-Qorti tistaqsi: Kif allura ddecieda l-intimat li jizzewweg mara illi jaf li hija prostituta? U tistaqsi l-Qorti kif kompla fiz-zwieg ghal zmien konsiderevoli ma mara illi kienet prostituta? Il-Qorti semghat it-testimonjanza akkurata tal-Haddiema Socjali, Rita Bonello u dik ta' Eleonora Macelli, *Head of Home* ta' Dar Hosea, fejn iddiskrivew l-istat pietuz li fih sabu lill-attrici, l-istat dizastruza tad-dar ta' Hal Safi, u kif l-attrici kienet nieqsa mill-affarijiet l-aktar bazici inkluz il-provvista tad-dawl u ilma u n-nuqqas ta' toilet. Illi jekk ghas-sahha tal-argument biss, dak li kienet qieghda taghmel-attrici kienet qieghda taghmlu minn jeddha u kif jghid zewgha biex taghmel il-karicci, il-Qorti tistaqsi: Fejn kienu? X'kienu dawn il-kapricci? Ghax l-evidenza indipendenti ta' Rita Bonello Eleonara Macella indikaw biss il-faqar tremend illi fih kienet tghix l-attrici. Ghaldaqstant huwa ferm aktar vero simili u attendibbli illi l-intimat b'mod mill-aktar abbuziv kien jibghat lill-martu tipprostitwixxi ruhha u kien jghix mill-qliegh ta' tali prostituzzjoni waqt li jhalli lil martu f'faqar tremend. In oltre il-provi jindikaw illi l-qliegh fil-prosituzzjoni forzat tal-attrici kienet qed jigi godut mill-intimat, omm l-intimat u iben il-partijiet TZ.

Illi fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, it-testimonjanza indipendenti ta' Rita Bonello u Eleonora Macelli, titfa' dawl fuq in-natura attwali tal-intimat. Illi din il-Qorti ma ghandhiex xrara ta' dubbju fuq il-veracita' tax-xhieda ta' Rita Bonello u Eleonora Macelli, u l-manjiera li biha l-intimat mhux biss hedded lill-attrici, izda anke hedded lil persuna taghhom, u li sahanistra hedded hajjet Rita Bonello.

Illi Macelli fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti kienet cara illi l-attrici kienet ghaddiet minn hafna abbuz f'hajjitha. Di piu' din il-Qorti taghraf illi il-verzjoni tal-attrici giet korroborata minn Bonello u Macelli u dan fuq trapass ta' zmien konsiderevoli u z-zewg xhieda qatt ma iddubitaw minn dak li ghaddiet minnu l-attrici. Illi ghal kuntrarju il-versjoni tal-intimat ma giet korraborata minn hadd, minkejja li fix-xhieda tieghu jaghmel referenza ghal diversi persuni ohra. Hekk per ezempju ma giex prodott il-Komo ma min allegatament kellha relazzjoni ta' certu durata. Lanqas ma gew prodotti xi familjari tal-intimat biex itennu l-verzjoni tieghu. Di piu', il-verzjoni

tal-intimat hija mzewqa b'inkonsitenzi hekk per ezempju f'nifs wiehed jghid illi ried ihallsilha il-pledge izda ma kellux flus bizzejjed u ftit wara jghid li fil-fatt li hallisilha l-pledge. Di piu', waqt illi l-intimat isostni li xtaq jghin lill-attrici billi jqabbdilha s-*Social Worker* tieghu, il-Qorti semghet dwar l-"imgieba" tal-intimat ma' *Social Workers.*

In effett din il-Qorti tqis li l-imgieba tal-intimat kien deplorabbli daqs kemm hu censurabbli li ghex hajja mizzewwga mibnija fuq vjolenza domestika fizika u morali fuq l-attrici.

Din il-Qorti tqis illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak unikament htija tal-imgieba ingurjuza u sevizzjevoli tal-intimat mibnija fuq vjolenza domestika fil-konfront ta' martu r-rikorrenti u tan-nuqqasijiet serjissimi minn naha tal-intimat fid-doveri legali tieghu bhala ragel mizzewweg.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> "***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu."***

Fil-fehma tal-Qorti, l-imgieba tal-intimat kontra r-rikorrenti jissarrafu fi ksur serju tal-obbligi tieghu bhala persuna mizzewga ai termini tal-artikolu 2 tal-Kodici Civili u huma tali li jattiraw l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 ai termini talArtikolu 51 tal-Kodici Civili, u ghalhekk qed jigu applikati l-effetti imsemmija f'dana z-zewg artikoli hekk kif mitlub mir-rikorrenti.

***Manteniment***

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax***

***jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi bizzejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Rigward it-talba tal-attrici ghall-hlas ta' manteniment ghaliha nnifisha, din il-Qorti rat illi entrambi l-partijiet jistriehu unikament fuq il-beneficcji socjali. Illi minkejja dan, u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, din il-Qorti tordna illi l-intimat ihallas manteniment ghall-attrici fl-ammont ta' mitejn Ewro (EUR 200) fix-xahar, liema manteniment ghandu jinqata' direttament mill-beneficcji socjali perecepiti mill-intimat liema manteniment ghandu jghola kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

Il-Qorti tosserva illi l-komunjoni tal-akkwisti ghadha vigenti bejn il-partijiet.

***Propjeta'***

Illi mix-xhieda tal-partijiet jirrizulta illi l-partijiet qatt ma akkwistaw propjeta immobbli flimkien fiz-zwieg u ghalhekk m'hemm xejn li ghandu jigi diviz. Di piu' il-kirjiet tal-propjeta li seta' kellhom il-partijiet gew minnhom ceduti.

***Kontijiet Bankarji***

Illi mid-dokumentazzjoni in atti jirrizulta illi hemm biss kont bankarju f'isem l-intimat. Dan il-kont qieghed jigi assenjat lill-imsemmi intimat.

***Vetturi***

Illi mit-testimonjanza tar-rapprezentat ta' Transport Malta, jirrizulta illi hemm vettura tal-ghamla Hyundai Accent bit-targa CBL 781 registrata f'isem l-intimat u dana kif jirrizulta mid-dokument a dol DOK BF 1 *a fol 90.* Illi filwaqt li l-attrici tishaq illi hi rritornat l-imsemmija vettura lura lill-intimat, l-intimat isostni illi l-attrici tat l-imsemmija vettura lil terzi u dana bhala tpaccija ghal dejn li l-attrici allegatament ghamlet ma'dawn it-terzi. Dan ma giex sodisfacentament ippruvat mill-intimat ghaliex naqas li jipproduci x-xhud Charles Grech illi kien imsemmi minnu ripetutament fix-xhieda tieghu. Fid-dawl ta' dawn il-versjonijiet kunfliggenti, u l-fatt li l-vettura ghamlet xi zmien fil-pussess tal-attrici, il-fatt illi fuq din il-vettura hem id-dejn li gie ndikat minn Stephen Cachia ta' Transport Malta, il-Qorti tordna illi din il-vettura ghandha tinbiegh b'dana illi mir-rikavat ghandhom jithallsu l-pendenzi dovuti u relattivi ghall-istess vettura. Illi fl-eventwalita li r-rikavat mill-bejgh tal-imsemmija vettura ma jkunx sufficijenti, il-bilanc tal-pendenzi dovuti lil Transport Malta ghandu jithallas b'mod ugwali mill-partijiet.

***Dejn mal-ARMS:***

Illi fir-rigward id-dejn pendenti mal-ARMS, fir-rigward tal-kont fuq l-indirizz 14A, Triq San Mikiel Valletta, li skond dak indikat fid-Doc MV1 a fol 183 jidher illi hemm bilanc ta' elf tlett mija u ghoxrin Ewro u seba' u tletin centenzmu (1320.37 Ewro), sad-data tal-prezentata tad-dokument in kwistjoni, din il-Qorti tordna illi dan id-dejn jigi assenjat fl-intier tieghu lill-intimat.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat; u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizzaha taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens,**

**firma u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut;**

2. **Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat jivversa manteniment ghall-attrici fl-ammont ta' mitejn Ewro (EUR 200) fix-xahar, liema manteniment ghandu jinqata' direttament mill-beneficcji socjali perecepiti mill-intimat liema manteniment ghandu jghola kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja;**

3. **Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara illi l-intimat iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici;**

4. **Tilqa' r-raba talba u tapplika kontra l-intimat *in toto* l-effetti tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikolu;**

5. **Tilqa' l-hames talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod:**
   i. **Tordna illi l-vettura tal-ghamla Hyundai Accent bit-targa CBL 781 ghandha tinbiegh b'dana illi mir-rikavat ghandhom jithallsu l-pendenzi dovuti u relattivi ghall-istess vettura lil Transport Malta. Illi fl-eventwalita li r-rikavat mill-bejgh tal-imsemmija vettura ma jkunx sufficijenti, il-bilanc tal-pendenzi dovuti lil Transport Malta ghandu jithallas b'mod ugwali mill-partijiet.**
   ii. **Il-kont bankarju intestat f'isem l-intimat mal-Bank of Valletta, qieghed jigi assenjat lill-intimat;**
   iii. **Tordna illi id-dejn mal-ARMS fir-rigward il-kont tar-residenza 14A, Triq San Mikiel Valletta, jigi assenjat fl-intier tieghu lill-intimat li ghandu jhallsu;**

6. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba stante li din giet indirizzata sopra;**

7. **Tichad is-seba' talba stante li ma ngabu l-ebda provi f'dan ir-rigward;**

8. **Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe 'C';**

9. **Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

**L-eccezzjonijiet tal-intimat qed jigu milqugha u michuda kif fuq inghad.**

**L-ispejjez kollha jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**